Is-Sur Raymond Tabone, Kunsillier u ex-Segretarju tal-Każin tal-Banda, għaddielna materjal interessanti fuq il-Każin tal-Banda San Pawl. Dan it-tagħrif jinstab fi ktejjeb ta Robert Mifsud Bonnici, Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex (It-Tieni Ktieb), li kien mitbugħ għand Giov. Muscat Co. Ltd. fl-1957. Kif jispjega t-titlu dan il-ktejjeb jagħti tagħrif fuq il-baned f'pajjiżna. Ħafna mit-tagħrif li fih fuq l-istorja tal-Banda San Pawl diġà ppubblikajnieh f'ħarġiet oħra billi kkwotajna l-Minuti, speċjalment f'dawn l-aħħar snin meta bdejna nippubblikaw il-ġrajja tal-Banda San Pawl. Kien hemm affarijiet oħra li kienu ġodda, jew intesew. Laqatni ħafna il-messaġġ ta l-awtur li jitkellem fuq kif dak iż-żmien il-pika kienet titla għall-irjus ukoll. Il-mesaġġ tiegħu, għalkemm għadda ż-żmien, għadu jgħodd illum wisq probabbli aktar minn meta kitbu.

# Silta minn Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex

## (It-Tieni Ktieb)

**Rob. Mifsud Bonnici**

*Kelmtejn Bejnietna*

*Fil-ġrajja tal-Mużika f'Malta u Għawdex fissirna li s-suċċess kulturali ta' Banda Mużikali ma jinkisebx bl-ispirtu iblah tal-partit u wisq inqas bis-saħna tal-partitarji, bl-insinwazzjonijiet, twigħir, ġlied, qrati ........ imma biss b'ċerta doża moderata ta' ambizzjoni li tqanqal u tħeġġeġ lil kull bniedem biex jasal fl-iskop tajjeb u sewwa tiegħu, fil-każ tagħna għandu jkun li s-soċjetà tilħaq l-aħħar skaluna tas-suċċess. Kif qatt soċjetà bandistika tista' qatt jirnexxilha tasal jekk mhux permezz tax-xogħol u l-ħidma, tas-sabar u s-sagrifiċċji, ta' l-istudju u d-dixxiplina, ta' strumenti moderni u surmast-direttur imħarreġ tajjeb fl-arti nobbli tal-mużika? Nafu li l-lum xejn ma jixxiebaħ mal-bieraħ! Illum naraw imħuħ imxekklin u mjassrin mal-materjaliżmu, jistkerrhu d-dixxiplina, l-ordni; nafu bit-tixrid ta' moħħ iż-żgħażagħ u ta' xi xjuħ moderni wkoll! Ħtija n-nuqqas ta' edukazzjoni! Qalb bla edukazzjoni hi qalb samma, biljuża, għajjura, egojista, vendikattiva, għażżiena. Din il-qalb kanċeruża, għadu tas-soċjetà titfejjaq biss bl-edukazzjoni permezz ta' konferenzi, korrezzjoni, Direttur Spiritwali u tal-membri tal-Kumitat responsabli quddiem Alla u quddiem il-bniedem. Dawn il-membri jeħtieġ li jkunu mrawwmin fis-soċjetà, jafu jiġbdu lis-soċi għaċ-Ċirkolu u lill-bandisti għall-Banda benjamina tagħhom permezz ta' attivitajiet soċjali u kulturali; ġiti familjari, laqgħat soċjali, trattenimenti teatrali, sports, festini, akkademji mużikali letterarji, kunċerti bandistiċi ... b'hekk tinqered din il-monotonija, dik l-apatija, dak in-ngħas ... u fis-soċjetà tinżamm dik il-ħajja, dik il-ħeġġa, dik l-allegrija.*

*Ħaqqha tassew il-ħajr sinċier ta' kulħadd il-Malta Band Clubs Association li għarfet tiġbor madwarha u tgħannaq ma' ħdanha 51 baned minn 54. Allaħares ma kienetx hi li ta' kull xahar tlaqqa f'assemblea r-rappreżentanti tal-Baned, u bħal aħwa jiddiskutu bejniethom il-qagħda soċjali, ekonomika u kulturali ta' kull Banda u jittieħdu l-passi meħtieġa ma' l-Awtoritajiet kompetenti b'riżq il-baned u l-kultura mużikali.*

*Rob. Mifsud Bonnici*
*Nhar Għid il-Kbir, 1956.*

Rob. Mifsud Bonniċi, f'Kapitlu VII tal-ktieb tiegħu, jkteb fuq kif il-Kappillan Ġann Franġisk Grima OFM Conv. "saċerdot ħabrieki fil-qasam reliġjuż-soċjali", waqqaf ċentru ta' l-Azzjoni Kattolika li l-ftuħ tiegħu sar minn Monsinjur Arċisqof Metropolitan Mikiel Ġonzi nhar is-26 ta' Marzu 1946. Dak inhar saret ukoll il-konsagrazzjoni tas-Soċjetà lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'. L-awtur isemmi fost il-mistednin distinti lit-tobba G Bonavia u G Caruana u is-sinjuri F Grech, I Catania u F. X. Dingli. Jgħidilna wkoll kif fit-tieni laqgħa inbidel f'Każin Soċjali "fejn jiltaqgħu l-ftit ħbieb ta San Pawl il-Baħar iqattgħu siegħa żmien taħt saqaf wieħed flimkien mal-Missier Spiritwali, il-Kappillan tal-Parroċċa."

Mifsud Bonnici jgħidilna kif wara ftit żmien il-Kappillan Grima beda jħeġġeġ lit-tfal biex jitgħallmu strument bl-iskop li titwaqqaf banda u kif fil-21 ta' Marzu 1947, il-Każin Soċjali ġie rreġistrat mal-Pulizija bħala Ċirkolu Mużikali San Pawl "intitolat għall-faċilitajiet u għajnuna tal-Gvern bħala Istitut ta' tagħlim, ta' edukazzjoni u ta' l-arti mużikali." L-awtur jikteb fuq l-ewwel surmast direttur, Mro. Emmanuele Gauci u kemm dan kien iddedikat lejn il-Banda San Pawl. F'Lulju 1948, f'San Pawl il-Baħar, il-Banda San Pawl wettqet l-ewwel program u t-tieni programm sar f'Burmarrad. Tagħrif interessanti hu li fl-1949, il-Banda San Pawl wettqet 14-il programm (5 f'San Pawl il-Baħar, 2 Ħal Qormi, 1 Ħal Lija, 2 Valletta, 1 Għajn Tuffieħa, 1 Floriana, 1 Ħaż-Żebbuġ, 1 Rabat), filwaqt li fl-1950 wettqet 5 programmi, fl-1951 – 8 programmi, u 12-il program fl-1952. L-awtur jinfurmana wkoll li fl-1948, il-Każin ġie affiljat mal-Malta Band Clubs Association, bis-Surmast Gauci bħala rappreżentant. Jgħidilna wkoll kif dik il-ħabta f'San Pawl il-Baħar twaqqfu żewġ timijiet sportivi, wieħed tal-futbol u ieħor tal-waterpolo u li "is-Soċjetà Filarmonika San Pawl dejjem ħabirket għall-ġid tagħhom."

Mifsud Bonniċi jkompli jagħti l-istorja tal-Banda u jikkwota d-diskors li għamel il-Kappillan Grima fl-aħħar laqgħa ġenerali li ppresjeda. Peress li din l-istorja diġà ppubblikajniha fid-dettall ma ħassejtx li kellhi nerġa nirrepetiha, peress li ma hemm l-ebda materjal ġdid. L-awtur isemmi wkoll kif il-benefatturi Gerardo Dimech u Ganmari Mauscat, fl-1951 irregalaw l-Innu lil Marija Addolorata, versi ta Dun Frans Camilleri u mużika ta' Vincenzo Ciappara. Jgħidilna wkoll li f'Awwissu 1950 iddimetta Mro Emmanuele Gauci u li nħata minfloku Mro Salvu Vella tal-Mellieħa. Avveniment importanti li l-awtur isemmi hu dak tal-Ħadd, 29 ta April 1951, meta żżanżan il-planċier il-ġdid tal-banda. Dan il-planċier, rigal tal-president – In-Nobbli Dr J Attard dei Baroni Montalto LLD, sewa L125 u nħadem minn Mastru Mose' Attard tan-Naxxar.

"Ix-xogħol, ħidma, qlubija, sagrifiċċji, jwasslu għas-suċċess. Il-Banda San Pawl, bħal ħafna baned oħrajn, megħjjuna minn Bandisti barranin, baqgħet sa llum, 1955, twettaq programmi mużikali fil-Belt u f'irħula akkont ta' għaxra fis-sena. Sabiex aktar il-Banda tirfina, inxtrat strumentatura moderna miċ-Ċekoslovakkja, aġent Mro. Ettore Lucia, il-Belt."